# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

## MAĠISTRAT DR. SIMONE GRECH

**Il-Pulizija**

**(Spettur Roderick Agius)**

**vs**

**Keith Agius**

**Illum, 25 ta' Mejju, 2022.**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet kontra Keith Agius, detentur tal-karta' tal-identità numru 507187M, li permezz taghhom gie akkuzat talli:

> *"Nhar l-10 ta' Marzu 2020 ghal habta tal-10:30hrs gewwa dawn il-Gzejjer uzajt xi network jew apparat ta' komunikazzjonijiet elettroniku fornut minn impriż għal għan li ma jkunx dak li jkun ġie fornut għalih, jew tittraskura milli tosserva l-istruzzjonijiet li jkunu maħruġa minn impriża għall-użu kif imiss tan-network jew apparat ta' kommunikazzjonijiet elettroniċi jew inkella tużah b'mod mhux kif imiss. (Art 48 (1) (d) Kap 339 tal-Ligijiet ta' Malta)*

*U aktar talli f'l-istess lok, jin u cirkostanzi permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika heddidt li tagħmel xi reat; jew ghamilt użu ieħor mhux xieraq bih. (Art 49 kap 339 tal-Ligijiet ta' Malta)*

*U aktar talli fl-istess lok, hin u cirkostsanzi insulentajt, heddidt jew ingurjajt bi kliem jew b'mod iehor lil Mattea Saliba u lil Anthony Saliba. (Art 339 (1) (e) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta)*

*Akkuzat ukoll talli fil-11 ta' Marzu 2020 u fil-jiem u x-xhur ta' qabel gewwa dawn il-Gzejjer insulentajt, heddidt jew ingurjajt bi kliem jew b'mod iehor lil parthner tieghek Maria Esther Mifsud. (Art 339 (1) (e) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta)*

*U aktar talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi bl-imġieba tieghek ikkaġunajt lil Maria Esther Mifsud biża' li ser tintuża vjolenza kontriha jew kontra l-proprjeta' taghha bi ksur tal-art 251B tal-kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.*

*U aktar talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi: ikkomettejt reat waqt li inti taht ordni ta' probation ghal sentejn liema sentenza inghatat mill-Qorti tal-Magistrati preseduti mill-Magistrat Dr. Astrid May Grima LLD nhar it-28 ta' Frar 2020, liema sentenza saret definittiva u ma tistghax tinbidel ai termini ta' l-Artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Inti akkuzat ukoll talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi ksirt il-kundizzjonijiet tal-liberta provizorja imposta fuqek mil-Magistrat Dr. Nadine Lia LLD nhar l-4 ta' Frar 2020 u cioe li ma tghamilx reat iehor ta' natura volontarja.*

*Il-Qorti hija mitluba li fkaz ta' htija tirrevoka helsien mil-arrest tal-imsemmi Keith Agius u tordna l-arrest mil-gdid tal-imsemmi imputat u kif ukoll tordna li s-somma ta' hmistax il-elf euro (15,000 euro) imposta fuqu*

*bhala garanzija personali u hamest elef (5,000 euro) bhala depozitu mill-istess Qorti jghaddu favur Gvern ta' Malta.*

*Finalment inti akkuzat illi fl-istess lik, hin u cirkostanzi irrendejt ruhek recediv, b'sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati Malta liema sentenzi huma defenittivi u ma jistghawx jinbidlu bi ksur tal-artikolu 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Il-Qorti hija mitluba tohrog ordni ta' protezzjoni ai termini ta' l-Artikolu 412C fejn tiprojbixxi lill-imputat milli javvicina lil omm it-tie lil Anthony Saliba, Mattea Saliba u Maria Esther Mifsud u kif ukoll il-postijiet li t-tali persuni tiffrekwenta."*

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Semghet il-provi;

Rat li fis-7 ta' Settembru, 2020, Maria Esther Mifsud irrinunzjat ghal dak kollu li huwa rinunzjabbli;

Rat is-S*ocial Inquiry Report*;

Semghet trattazzjoni;

Rat li din il-kawza tinsab differita ghas-sentenza;

**Ikkunsidrat;**

**Provi Prodotti**

**Maria Esther Mifsud** xehdet li fis-27 ta' Dicembru, 2019, Keith Agius hareg mill-Facilità Korrettiva ta' Kordin u bdiet relazzjoni mieghu. Spjegat li hija marret tghix ma' Agius. Spjegat li uliedha bdew jimmissjawha hafna. Spjegat li minn Frar 2020, beda jinqala' l-inkwiet ma' Agius, ghaliex beda jkun vjolenti maghha meta kienu jiggieldu bejniethom. Sostniet li f'okkazzjoni minnhom, Agius heddidha li ser jahraq lit-tfal taghha. Sostniet li fl-10 jew il-11 ta' Marzu, 2020, hija marret l-Appogg. Sostniet li huwa kien jheddidha li jekk ittellfu l-*bail*, huwa kien ser jaharqilha l-karozza u lit-tfal. Sostniet li meta qaltlu li ser titlaq, huwa heddidha li ser jaghmel massakkru mill-kbir saz-zghir.

Spjegat li kien isir aggressiv hafna maghha, u gieli jerfa' jdejh fuqha. Sostniet li huwa kien johdilha l-mobile biex ma tirraportahx. Spjegat li kienet tibza' minn Keith Agius meta kien ikun vjolenti maghha. Xehdet li fl-10 ta' Marzu, 2020, hija cemplet lil bintha u wissietha biex ma tohrogx il-karozza mill-garaxx, ghaliex Keith Agius kien lest li jahraqha biha b'kollox. Sostniet li waqt li kienet fuq it-telefonata, Keith Agius beda jghid fil-*background*, li kien ser jahraqhom b'kollox.

In kontroezami, hija kkonfermat li ghandha zewgt itfal. Ikkonfermat li bintha kienet tafu lil Keith Agius qabel ma' bdiet ir-relazzjoni mieghu. Sostniet li uliedha gieli hadithom maghha gewwa l-Facilità Korrettiva ta' Kordin meta kienet tmur izzur lil Keith Agius. Spjegat li fis-27 ta' Jannar 2020, Agius kien rega' gie arrestat, u hi marret lura tghix ma' missier it-tfal u mat-tfal taghha, sakemm Agius rega' nghata l-bail. Sostniet li huwa kien kontinwament jirrepeti li ser jahraq lil uliedha, u li ser jiehu injection tal-ismack.

In riezami, hija kkonfermat li missier it-tfal taghha, ma kienx ikun irid li Keith jiltaqa' mat-tfal.

**Anthony Saliba** xehed li bintu kienet qed titkellem ma' ommha fuq il-mobile. Sostna li l-mobile kien *speaker* u seta' jisma'. Sostna li ntqal diskors minn Agius li ser jigi jahraq lilu u lit-tfal. Spjega li huwa mar bit-tifla jaghmlu rapport. Sostna li uliedu qed jibzghu. Spjega li bintu tkun titkellem ma' ommha fuq it-telefon u jaqbez Agius, jhedded. Sostna li huwa gharaf lehen Keith Agius. Sostna li t-telefonata li

ghamel rapport fuqhha, sehhet fl-20 ta' Jannar, 2020. Sostna li huwa ghamel rapporti ohra kontra Agius, bejn Jannar u Frar. Ikkonferma li omm uliedu qed toqghod mieghu. Sostna li huwa ra d-daqqiet li qalghet omm uliedu minghand Agius, fuq gisimha.

In kontroezami, huwa kkonferma li kien hemm okkazzjoni meta ma halliex lil omm it-tfal tara lit-tfal, ghax kienet fil-prezenza ta' Keith Agius.

In riezami, huwa kkonferma li kien hemm okkazzjonijiet fejn it-tifel kien mar jara lil ommu, u ttiehed minn ommu ghand omm Keith Agius.

**Mattea Saliba** xehdet li ommha bdiet relazzjoni ma' Keith Agius. Ikkonfermat li ltaqghet ma' Keith Agius u ommha, waqt li kienet zeffiena tal-karnival. Sostniet li Agius ibezzaghha xi kultant. Sostniet li kien jikkmanda lil ommha u jkun irid kollox kif irid hu. Sostniet li ommha kienet timmissjahom hafna. Sostniet li ommha kienet tghidilha li Keith kien iweggaghha, u gieli jsawwatha. Sostniet li fl-20 ta' Jannar, 2020, kienet qed titkellem ma' ommha fuq il-mobile, u semghet lil Agius fil-background jghid, li kien gej biex jahraqha, lilha u lill-familja taghha kollha, bil-karozza b' kollox. Sostniet li hija gharfet il-vuci ta' Keith Agius. Spjegat li missierha kien hadha taghmel rapport. Spjega li kien hemm okkazzjoni ohra fi Frar 2020, fejn kienu tghajjru, missierha u Agius.

In kontroezami, hija spjegat li ommha kienet infurmatha, li kienet telqet lil missierha u kienet bdiet relazzjoni ma' Keith Agius. Sostniet li kien hemm battibekki bejnha u bejn Keith Agius, ghax beda jghidilha kontra missierha u huha. Hija cahdet li marret il-habs ma' ommha tara lil Keith Agius. Ikkonfermat li hija bdiet tibza' minn Keith Agius wara l-20 ta' Jannar, 20202, mentri qabel kienet tiddejjaq minnu.

In riezami hija qalet li ma' ommha kienet titkellem tramite *Whatsapp*. Sostniet li Agius kien dejjem jikkmanda lil ommha.

**Ikkunsidrat:**

Dwar l-ewwel, it-tieni u t-tielet imputazzjoni, din il-Qorti tqies li dawn jirrigwardaw l-gurnata tal-10 ta' Marzu, 2020. Mix-xhieda moghtija minn Mattea Saliba u Anthony Saliba, jirrizulta li l-allegat incident sehh fl-20 ta' Jannar, 2020, u mhux fl-10 ta' Marzu, 2020. Irrizulta wkoll mix-xhieda ta' Maria Esther Mifsud, li fl-10 ta' Marzu 2020, kienet hi li kienet qed iccempel u tkellem lil bintha, Mattea Saliba. Dak li rrizulta mix-xhieda ta' Maria Esther Mifsud, huwa li Agius kien qed jghid xi diskors fl-isfond, izda mhux li kien qed jutilizza l-mobile huwa stess.

Ghaldaqstant, in vista ta' dan kollu, din il-Qorti tqies li l-ewwel, it-tieni, u t-tielet imputazzjonijiet, ma gewx ippruvati, lil hinn minn kull dubju ragjonevoli, mill-Prosekuzzjoni.

Dwar ir-raba' imputazzjoni, din il-Qorti qieset ix-xhieda mismugha, u qieset ukoll li Maria Esther Mifsud irrinunzjat ghal dak kollu li huwa rinunzjabbli. Ghalhekk fir-rigward tar-raba' imputazzjoni, il-procediment huwa ezawrit, stante r-rinunzja tal-kwerela mill-istess Mifsud.

Dwar il-hames imputazzjoni, Il-Qorti qieset ukoll li durante x-xhieda moghtija viva voce, wara li kien ghamilha cara li l-allegat thedid u kliem ingurjuz, kien intqal waqt diskursata telefonika, u li huwa nzerta semghu, l-istess allegata parte leza qal li ftit wara, l-imputat induna bil-prezenza tieghu, u kien qallu l-kliem, "halli f' idi". Sostna li dan il-kliem huwa qiesu bhala theddida. In kontroezami mbaghad, l-allegata parte leza ghazlet li zzid, li meta kien wicc 'imb wicc mal-imputat, l-imputat qallu mhux biss il-kliem "halli f' idi", izda qallu wkoll "issa tara x'ha naghmillek". Il-Qorti qieset li fl-affidavit ta' PS 1502, dan l-allegat inkontru wicc 'imb wicc bejn l-allegata parte leza u l-imputat, u l-allegazzjoni li qal dan il-kliem fil-konfront tal-allegata parte leza, ma giex rapportat. Din il-Qorti ghalhekk tqis, li l-Prosekuzzjoni ma rnexxiliex tipprova din l-ewwel imputazzjoni fir-rigward tal-imputat.

Dwar it-tieni imputazzjoni, u cioè biza' li ser tintuza vjolenza, il-Qorti taghmel riferenza ghad-decizjoni fl-ismijiet, Il-Pulizija vs Raymond Parnis, deciza fl-24 ta 'April, 2009, mill-Qorti tal-Appell Kriminali. Riferenza ghandha ssir ukoll ghall-kawza fl-ismijiet, Il-Pulizija vs. Raymond Coleiro, deciza fis-7 ta' Marzu, 2012, u ghall-kawza fl-ismijiet, Il-Pulizija vs Jeffrey Scicluna, deciza fil-21 ta' Frar, 2012,

liema sentenzi gew moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali. Fid-decizjoni kontra Jeffrey Scicluna, il-Qorti qalet hekk:

> *"Biex ikun hemm ħtija taħt l-artikolu 251B irid jirriżulta li jkun hemm a course of conduct kif juri l-kliem: 'lil xi ħadd ieħor hekk jibża' kull darba minn dawk l-okkażjonijiet'. Jista' jkun hemm aktar minn okkażjoni waħda fl-istess jum u għalhekk ikun applikabbli l-artikolu 251B xorta waħda. Iżda kemm mill-imputazzjoni kif miġjuba kif ukoll mill-provi ma jirriżultax li kien hemm din a course of conduct fl-istess jum. Ix-xhud irreferiet għal x'ġara qabel iżda l-kliem tal-imputazzjoni jkopri jum wieħed biss. Barra dan ma jirriżultax li kien hemm xi kundanni oħra tal-appellant dwar theddid lil martu. Isegwi li l-appellant ma jistax jinsab ħati skont it-tieni imputazzjoni kif dedotta".*

Illi l-Artikolu tal-Ligi, cioè Artikolu 251B((1) jghid hekk: "*li l-imġieba tagħha tikkaġuna lil ħaddieħor jibża' li se tintuża vjolenza kontrih jew kontra*". Tenut kont ta' dan, u tenut kont tal-provi mismugha minn din il-Qorti, il-Qorti hija tal-fehma li din l-imputazzjoni ma gietx ippruvata. Ghalkemm saru allegazzjonijiet li kien hemm incidenti ohra bejn l-allegata parte leza u l-imputat, ma tressqux provi lil hinn minn kull dubju ragjonevoli dwarhom, mill-Prosekuzzjoni. Ghalhekk, ma giex ippruvat il-*course of conduct,* li huwa necessarju biex japplika l-Artikolu 251B(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghaldaqstant, l-imputat sejjer jigi lliberat minn din l-imputazzjoni.

Dwar is-sitt imputazzjoni, il-Prosekuzzjoni ma ressqitx prova dwar din l-Ordni ta' Probation imsemmija fl-istess imputazzjoni.

Dwar is-seba' imputazzjoni, it-tmien u d-disa' imputazzjoni, din il-Qorti tqis li gialadarba mhux qed issib htija fl-imputat, l-istess imputazzjonijiet lanqas ma jirrizultaw.

**Decide**

**Ghar-ragunijiet hawn fuq esposti, din il-Qorti qieghda tiddikjara l-procediment ezawrit fir-rigward tar-raba' imputazzjoni, filwaqt li qed tillibera lill-imputat minn kull kundanna u htija, fir-rigward tal-imputazzjonijiet l-ohra kollha.**

**Magistrat Dr. Simone Grech**

**Janet Calleja**
**Deputat Registratur**